MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 260/1999/1

**Drive-A-Way limited**

**Vs**

**ALM Enterprises Limited u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Awissu, 1999, gie kjamat fil-kawza Edwin Zammit.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Frar, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas is-somma ta' disa' mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm940.60) liema somma hija dovuta in linea ta' danni sofferti minn l-attur minhabba nuqqas tas-socjeta' konvenuta billi hija naqset li tigbor numru ta' persuni sabiex twassalhom l-ajruport, liema danni jirraprezentaw il-prezz tal-biljetti ta' l-ajru li taghhom kellu jhallas ghalihom l-attur stess.

Bl-ispejjez, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:
1. Fl-ewwel lok it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma ghal kollox infondati stante li s-socjeta’ konvenuta qdiet l-imkarigu taghha kif miftiehem.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk verament jirrizultaw xi danni dawn certament ma jistghux jigu addebitati lis-socjeta’ konvenuta.
3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretezi mis-socjeta’ attrici huma esagerati u ma jsibux gustifikazzjoni fil-ligi.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Awissu, 1999, fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta’ Edwin Zammit;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Edwin Zammit fejn eccepixxa:
1. Illi, preliminarjament huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, huwa esegwixxa l-obbligi kontrattwali illi kellu mas-socjeta’ konvenuta ALM Enterprises Limited kif pattwit bejnu u bejn l-istess socjeta’ konvenuta u ghalhekk huwa ma hu responsabbli ghal ebda danni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi, illi fid-19 ta’ Lulju,1998, is-socjeta’ attrici kienet ikkummissjonata mis-socjeta’ “In Lingua” sabiex twassal hdax-il (11) student fl-Airport sabiex jaqbdu t-titjira taghhom ghall-esteru.

Peress illi s-socjeta’ attrici kient *overbooked*, qalet lis-socjeta’ konvenuta sabiex tipprovdi ghal dan il-vjagg, u

baghetilha lista ta’ hdax-il persuna sabiex jitwasslu l-Airport kmieni filghodu.

Is-socjeta’ konventua qabbdet lid-*driver* taghha, l-kjamat fil-kawza Edwin Zammit, sabiex jigbor lil dawn in-nies u jwassalhom l-Airport.

Edwin Zammit jghid illi ma setghax jaghmel dan il-ghaliex fil-kors tal-gurnata qabditu emigranja kbira u ghalhekk iddecieda illi jhalli erbgha (4) min-nies barra peress ma felahx idur id-dawra biex imur ghalihom.

Mhuwiex ikkontestat illi thallew l-art erbgha min-nies.

Minhabba dan in-nuqqas tal-kjamat in kawza, s-socjeta “In Lingua” inkorriet danni fl-ammont ta’ disa’ mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm940.60), illi jirrifletti l-hlas ghal passagg lura ghal dawn in-nies illi baqghu l-art. Dan l-ammont gie addebitat lis-socejta’ attrici, li min-naha taghha qeghda tfittex lis-socjeta’ konvenuta ghar-rimborz taghhom peress illi fi kwalunkwe kaz, kienet is-socjeta’ konvenuta illi naqqset illi taghmel dan il-vjagg.

Is-socejta’ konvenuta qeghda titfa’ r-responsabbilta’ tan-nuqqas fuq il-kjamat fil-kawza Edwin Zammit talli naqas milli javzha u ha inizjattivi minghajr awtorizazzjoni.

Il-kwistjoni legali li trid tindaga din il-Qorti hija safejn kienet responsabbli s-socjeta’ konvenuta ghan-nuqqas tal-kjamat fil-kawza Edwin Zammit.

Ikkunsidrat:

L-azzjoni attrici hija marbuta ma’ l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili, li jghid, “Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.”

Dan l-artikolu kien suggett ghal diversi interpretazzjonijiet mill-Qrati taghna u l-gurisprudenza kienet konstanti ghal dawk illi huma l-elementi necessarji sabiex ir-responsabbilta' tissusisti fil-konfront ta' dan l-artikolu.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell, fl-1 ta' Marzu, 1988, fl-ismijiet Dr Grech vs Kummisarju tal-Pulizija, il-Qorti qalet illi ghandhom jezistu erba' elementi sabiex tisussisti r-responsabbilta', u cioe':

1. Relazzjoni ta' mpjegat – haddiem;
2. Negligenza ta' min ihaddem (culpa in aligendo);
3. In-nuqqas ta' l-impjegat li kkawza d-danni; u
4. Hsara kawza sforz ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat.

Minn dawn l-erba' elementi, l-ewwel element u it-tielet wiehed huma ppruvati mill-fatti. Ma hemm dubbju li l-kjamat fil-kawza Edwin Zammit kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u sforz l-agir jew nuqqas ta' tieghu kkawza danni lis-socjeta' attrici.

Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija kienx hemm xi negligenza ta' min ihaddem, u cioe' s-socjeta' konvenuta fid-decizjoni taghha li timpjega lill-kjamat fil-kawza u jekk il-hsara kawzata saritx sforz ta' l-inkompetenza tal-kjamat fil-kawza.

Rigward it-tieni element, dak tan-negligenza ta' min ihaddem, l-Qorti jidhrilha li dan l-element jisussisti, peress illi d-diretturi tas-socjeta' konvenuta kienu jafu li kien hemm xi problemi fl-impjieg ta' Edwin Zammit. Kienu jafu li dan ibati minn emigranja u li xi kultant ma kienx jaghmel *trips*. Tant hu hekk, li Matthew Grech a Fol. 59, jghid illi l-gurnata ta' qabel (fejn suppost Zammit kellu jaghmel it-*trip*) il-kjamat fil-kawza cempillu u qallu illi kellu ugiegh ta' ras. Matthew Grech ma tax kaz ta' dan, ghaliex fi kliemu stess, "Imma dan kien jaghmilhili ta' spiss…" Matthew Grech iddecieda li ma jaghmel xejn dwar din it-talba tal-kjamat fil-kawza peress fi kwalunkwe kaz, ma kellux xufiera ohra.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li hawnhekk is-socjeta' konvenuta naqset meta nsistit li timpjega persuna illi forsi

ma kinitx kompetenti ghal dak it-tip ta’ xoghol. Meta persuna tbati minn emigranja, ma tkunx f’kundizzjoni illi ssuq fit-triqat minhabba l-koncentrazzjoni qawwija illi din tirrikjedi, haga li mhux possibbli b’emigranja ta’ certa livell.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi hawn nuqqas serju da parti tas-socjeta’ konvenuta meta dina rrifjutat illi tisma l-ilmenti tal-kjamat fil-kawza u nsistit fl-impjieg tieghu meta kienet taf illi f’certa sitwazzjonijiet dana ma kienx ser ikun kapaci jaqdi d-doveri tieghu kif mitlub mill-istess socjeta’ konvenuta.

Ir-raba’ element huwa dak tal-hsara kawzata sforz ta’ l-inkompetenza ta’ l-imputat. Din forsi hija xi ftit aktar difficli mit-tieni element. Izda hawn ukoll il-Qorti tara illi hemm nuqqas serju da parti tal-kjamat fil-kawza.

Irrizulta mill-provi li l-*mini-vans* tas-socjeta’ konvenuta huma muniti b’*two-way radios*, illi huma mqabbda kemm mal-*base* u cioe’ l-garaxx, kif ukoll ma’ vannijiet ohra u r-residenza tad-direttur tas-socjeta’ konvenuta. Barra minn hekk ix-xufier kellu f’idejh *mobile phone* illi seta’ jaqbad direttament ma’ xi hadd mid-diretturi.

Ma’ dan kollu l-kjamat fil-kawza, ddecieda li ma jaghmel xejn. Kienet decizjoni unilaterali tieghu illi jhalli erbgha min-nies l-art. A Fol. 94 jghid, “Meta jiena ddecidejt li nhalli dawn l-erba’ studenti l-art, jiena ma kkomunikajtx ma’ Matthew Grech. Ghalhekk hadd ma kien jaf hliefi li dawn baqghu l-art.”

Rigward l-emigranja, l-kjamat fil-kawza jghid illi dina taqbdu ma’ l-erba’ darbiet fix-xahar u tiehu mal-jumejn biex tghaddi. Kien hemm okkazjonijiet fejn ma ghamilx *trips* u baqa’ rieqed. L-istudenti li halla kienu tnejn mis-Swieqi u tnejn minn San Gwann. Kien jaf bil-metodi ta’ komunikazzjoni li kien hemm disponibbli ghalih jekk isib ruhu f’ diffikulta u ma jkunx jista’ jaghmel vjagg.

Ma dan kollu, kif jghid l-istess kjamat fil-kawza ma wzax il-mezzi disponibbli ghalih, ma ghamel xejn, iddecieda li ma jaghmilx it-*trips* u jhalli n-nies l-art. Din id-decizjoni tieghu,

kawzata kif kienet minn emigranja, turi certa nkompetenza da parti tal-kjamat fil-kawza. Il-Qorti mhijiex qeghda tghid li darba kien affett minn emigranja qawwija kellu jkompli jirsisti u jaghmel il-vjagg kif previst. La ma kienx jiflah, allura, sewwa ghamel li ma komplix isuq, pero' kellu l-obbligu u d-dover illi jinforma mall-ewwel lid-diretturi tas-socjeta' konvenuta sabiex dawna jkunu jistghu jiehdu l-mizuri necessarji sabiex ikomplu jaqdu s-servizz illi ghalih kienu kkuntrattati mas-socjeta' attrici. Ma dan kollu l-konvenut ghazel illi ma jaghmel xejn.

Matthew Grech isemmi okkazjoni meta ltaqa' mal-kjamat fil-kawza l-Airport dakinhar li ma sarx il-vjagg u l-kjamat ma qallux illi halla n-nies l-art, ghad illi semmielu illi kellu ugiegh ta' ras. Matthew Grech hawnhekk ma jidhirx illi kien allarmat, il-ghaliex ma ha l-ebda mizura dwar dak illi qallu l-kjamat fil-kawza. Sa' dak il-punt ma kienx ghadu jaf illi halla n-nies l-art u kien biss aktar tard dik il-gurnata meta cempillu Ernest Gauci, direttur tas-socjeta' attrici, u nforma lil Grech illi kienu thallew l-istudenti l-art.

Il-Qorti jidhrilha, li ta' dan ghandu jerfa' certa responsabbilta' wkoll il-kjamat fil-kawza, minhabba n-nuqqas tieghu li jinforma tempestivament lid-diretturi tas-socejta' konventua illi ma kienx sejjer ilahhaq il-vjaggi kollha illi kien ikkummissjunat jaghmel.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li dan ir-raba' element jisussisti wkoll, u cioe' li l-hsara lis-socjeta' attrici giet ikkawzata sforz ta' nkompetenza da' parti ta' l-impjegat u cioe' l-kjamat fil-kawza Edwin Zammit.

Ghall-bqija l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fuq imsemmija Grech vs Kummissarju tal-Pulizija u ghal gurisprudenza hemm ikkwotata u jidhrilha li kemm is-socjeta' konvenuta u l-kjamat fil-kawza ghandhom jerfghu r-responsabbilta ghad-danni kkawzati lis-socjeta' attrici fi kwoti ugwali bejnithom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta u lill-kjamat fil-kawza li jhallsu ugwalment bejnithom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm940.60) liema somma hija dovuta in linea ta’ danni sofferti mill-attur minhabba nuqqas tas-socjeta’ konvenuta u l-kjamat fil-kawza billi naqsu li jigbru numru ta’ persuni sabiex iwassluhom l-ajruport, liema danni jirraprezentaw il-prezz tal-biljetti ta’ l-ajru li taghhom kellha thallas ghalihom s-socejta’ attrici.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra s-socjeta’ konvenuta u l-kjamat fil-kawza fi kwoti ugwali.

Anthony Zammit
Deputat Registratur